A.L. 106 tal-2024

ORDINANZA DWAR L-ESPLOŻIVI
(KAP. 33)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi, il-Ministru responsabbli għall-pulizija, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 33.03.

Jemenda r-regolament 12A tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (3) tar-regolament 12A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 12(a), xogħlijiet tan-nar għandhom jinħarqu għall-finijiet ta' ttestjar jew prova biss waqt il-ħinijiet speċifikati fil-liċenza, li għandhom ikunu bejn il-11.00 a.m. u 12.00 p.m (nofsinhar), jew jibdew minn mhux aktar tard minn siegħa (1) wara nżul ix-xemx għall-perjodu ta' mhux aktar minn siegħa (1).".